

Taqkira għall-Pubbliku

Proposta tal-UE – għajnuna lin-nies biex isibu l-impjiegi fl-Ewropa kollha

X'INHI L-KWISTJONI?

In-netwerk tas-servizzi Ewropej tal-impjiegi (EURES) jeħtieġlu jiġi **mmodernizzat**.

EURES hu netwerk ta' servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjiegi li jkopri l-UE kif ukoll l-Islanda, in-Norveġja u l-Liechtenstein. Dawn is-servizzi jgħid lil dawk li qed ifittxu impjieg mal-offerti tal-impjiegi u jipprovdu aċċess għall-impjiegi vakanti u għall-informazzjoni dwar l-għajxien u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-kontinent.

F'termini konkreti, EURES jikkonsisti fil-[websajt EURES](#) u f'netwerk ta' aktar minn **900 konsulent dwar l-impjiegi** fil-pajjiżi parteċipanti kollha.

Il-proposta attwali tal-UE biex jiġi modernizzat EURES għandha l-għan li:

- tqajjem **għarfien** dwar EURES u dak li joffri lil min qed ifittex impjieg u lil min iħaddem
- iżid l-**għadd ta' impjiegi** fil-websajt, u jtejjeb il-funzjoni tat-tiftix biex jgħin lin-nies isibu l-aħjar impjiegi vakanti li jgħoddu għalihom
- itejjeb l-appoġġ għal dawk li jħaddmu li jkunu qed jirreklutaw u għal min ikun qed ifittex impjieg, biex jiġi żgurat l-**aħjar tqabbil** bejniethom
- jippermetti servizzi ta' impjiegi **privati** u li **mhumieks interessati li jagħmlu profitt** biex jissieħbu fin-netwerk – bil-kundizzjoni li jsegwu l-kwalità tal-istandards tiegħu.

X'MISTENNI JINBIDEL EŻATTAMENT?

Ir-regoli l-ġodda għandhom:

- jikkjarifikaw l-arranġamenti biex jiġu xxerjati l-impjiegi vakanti, l-applikazzjonijiet u s-CVs
- iżidu l-ammont disponibbli tal-impjiegi vakanti u tas-CVs, biex jissieħbu l-prospetti ta' tqabbil
- jiggarantixxu livell minimu ta' appoġġ għal min ifittex impjieg jekk ikun qed jikkunsidra li jaħdem f'pajjiż barrani u għal min iħaddem li lest jirrekluta persunal minn pajjiżi barrani (fl-Ewropa)
- jagħti lil min qed ifittex xogħol u lil min iħaddem aċċess għal assistenza mogħtija minn servizzi tal-impjiegi li jissieħbu fin-netwerk.

MIN SE JGAWDI U KIF?

Min ifittex impjieg għandu jibbenefika minn:

- aċċess eħfef għal informazzjoni dwar l-għajxien u x-xogħol f'pajjiżi Ewropej oħrajn
- funzjoni tat-tiftix skont il-kapaċitajiet għal impjiegi vakanti
- aċċess għal parir dwar il-karrieri
- għajnuna personalizzata hu u jfittex l-impjieg u jingħatalu l-istess livell ta' appoġġ mogħti lil min joqgħod fil-lokal u jkun qed ifittex impjieg bħalu.

Min iħaddem għandu:

- ikollu aktar applikanti minn fejn jagħżel, u ċans aħjar li jsib il-persunal adatt
- jimla l-impjiegi vakanti aktar malajr, jiffranka l-ispejjeż (EURES jikkomplementa x-xogħol tas-servizzi nazzjonali tal-impiegi)
- jibbenefika minn appoġġ attiv meta jħaddem ħaddiema minn pajjiż Ewropew ieħor.

GĦALIEX HEMM BŻONN LI TAGĦIXXI L-UE?

- lċ-ċittadini tal-UE (u ċ-ċittadini tal-Islanda, in-Norveġja u l-Liechtenstein) għandhom id-dritt li jaħdmu f'pajjiż ieħor tal-UE jew pajjiż taż-[ŻEE](#) – EURES twaqqaf biex jgħin il-pubbliku juża dan id-dritt.
- Meta lin-nies nagħmluhom eħfef li jsibu impjieg f'pajjiż barrani nkunu qed nippromwovu t-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa kollha, mhux biss f'pajjiżi partikulari.

META SE TIDĦOL FIS-SEĦĦ IL-PROPOSTA?

- 17 ta' Jannar 2014.